**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum il-Hamis, 8 ta' Novembru, 2018**

Numru 12

**Rikors Guramentat Nru. 1015/2017**

**Joseph Saydon u Gerard Saydon**

**vs**

**Mary Anne Elsdon u**
**b'digriet tal-11 ta' Jannar 2018**
**Dr Simon M. Stafrace u P.L. Joeline Pace Ciscaldi**
**gew nominati kuraturi deputati biex jirraprezentaw**
**lil assenti minn Malta l-konvenuta Mary Anne Elsdon, u**
**b'digriet tal-11 ta' April 2018**
**gie revokat in-nomina ta' Dr Simon M. Stafrace u**
**P.L. Joeline Pace Ciscaldi bhala kuraturi deputati**
**stante li l-konvenuta Mary Anne Elsdon ghandha**
**rapprezentanza ta' avukat ta' ghajnuna legali, u**
**b'digriet tal-5 ta' Gunju 2018**
**Dr Yanika Bugeja giet esonerata mill-inkarigu ta'**
**avukat ta' ghajnuna legali ghall-konvenuta**
**Mary Anne Elsdon u minflokha gie appuntat**
**Dr Ismhael Psaila li ghandu l-istess inkarigu**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-atturi tas-7 ta' Novembru, 2017 li jghid hekk:

Dikjarazzjoni tal-oggett tal-kawza
1. Il-partijiet f'din il-kawza huma tliet ahwa minn hamsa, ulied il-mejtin Carmelo u Dolores Saydon nee Xuereb. Iz-zewg ahwa l-ohra huma Catherine Saydon u Joan Busuttil.

2. Permezz ta' testment unica charta maghmul fl-atti tan-Nutar Anthony Gatt, datat 25 ta' Ottubru 1999, Carmelo Saydon (missier il-partijiet) u Dolores Saydon (omm il-partijiet) hallew lil xulxin u cioe lis-superstiti fosthom b'titolu ta' legat l-uzufrutt generali tal-assi kollha taghhom. Hallew imbaghad fost l-ohrajn (fis-Sitt Artikolu), b'titolu ta' prelegat konsegwibli wara l-mewt tas-superstiti fosthom, liz-zewg uliedhom rikorrenti Joseph u Gerard Saydon, fi kwoti indaqs bejniethom, il-piena proprjeta tal-garage bin-numru 36 (illum 16), f'Saint Mary Street, Birkirkara, sottopost ghal mezzanin fl-istess testment imholli lil binthom Catherine, soggett ghas-servitujiet ta' sottoposizzjoni, frank u liberu bid-drittijiet, giustijiet u pertinenzi tieghu kollha, u dana bis-sostituzzjoni volgari ta' uliedhom u d-dixxendenti taghhom b'kaz li xi hadd minnhom imut qabel it-testataturi. Fl-istess testment imbaghad (fid-Disgha Artikolu) l-ulied kollha tal-partijiet, u cioe Catherine Saydon, Joan Busuttil, Mary Anne Elsdon, Joseph Saydon u Gerard Saydon, gew dikjarati werrieta, ilkoll fi kwoti ugwali bejniethom bis-sostituzzjoni volgari ta' uliedhom u d-dixxendenti taghhom f'kaz li xi hadd minnhom imut qabel it-testaturi.

3. Omm il-partijiet, Dolores Saydon nee Xuereb, mietet fl-4 ta' Novembru tas-sena 1999. Dak tal-25 ta' Ottubru 1999 kien l-ahhar testment taghha.

4. Imbaghad, b'testment fl-atti tan-Nutar Maria Spiteri, datat 24 ta' April 2012, Carmelo Saydon (missier il-partijiet) ikkancella, irrevoka u hassar kwalunkwe testment iehor li ghamel qabel dak, u fost l-ohrajn halla (fil-Hames Artikolu), b'titolu ta' prelegat konsegwibbli wara mewtu, lill-uliedu r-rikorrenti fi kwoti ugwali bejniethom, il-piena proprjeta tal-garage bin-numru 36 (illum 16), f'Saint Mary Street, Birkirkara, sottopost ghal mezzanin fl-istess testment imholli lil binthom Catherine, soggett ghas-servitujiet ta' sottoposizzjoni, frank u liberu bid-drittijiet, giustijiet u pertinenzi tieghu kollha, u dana bis-sostituzzjoni volgari ta' uliedhom u d-dixxendenti taghhom b'kaz li xi hadd minnhom imut qabel it-testataturi. Halla imbaghad (fis-Seba' Artikolu) lil Joan Busuttil, lil Maria sive Marianne Elsdon, lil Joseph Saydon u lil Gerard Saydon bhala eredi universali tieghu, fi kwoti indaqs bejniethom.

5. Carmelo Saydon miet nhar it-8 ta' Marzu 2014. Dak tal-24 ta' April 2012 kien l-ahhar testment tieghu.

6. Ifisser ghalhekk illi l-eredi tal-konjugi Saydon, illum mejta, jehtieg jersqu ghall-att relattiv biex jimmittu lir-rikorrenti fil-pussess ta' dan l-istess garage (16 - gia 36, St. Mary Street, Birkirkara). Jidher illi l-intimata Mary Anne Elsdon biss qieghda tirrifjuta taghmel dan, u dan minkejja illi hija ma ghandha l-ebda raguni tajba fil-ligi biex tezercita tali rifjut.

7. Ir-rikorrenti Gerard Saydon (K.I. nru. 266(M)), bil-gurament tieghu, kemm ghalih innifsu kif ukoll ghan-nom ta' huh Joseph Saydon (minnu awtorizzat), jiddikjara illi jaf personalment b'dawn il-fatti kollha.

Raguni tat-talba
Ghaldaqstant kellha ssir din il-kawza.

Talbiet
Tghid ghalhekk l-intimata ghaliex din l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni u/jew ordni meqjusa necessarja u opportuna:

1. tordna lill-intimata timmitti lir-rikorrenti fil-pussess tal-fond ossia garage bin-numru 16 (gia 36), f'Saint Mary Street, Birkirkara, skont l-ahhar xewqa tal-konjugi Carmelo u Dolores Saydon nee Xuereb;

2. tordna lill-intimata sabiex fi zmien qasir u perentorju, li jigi lilha prefiss minn din l-Onorabbli Qorti, tersaq ghall-publikazzjoni tal-att pubbliku ta' immissjoni fil-pussess;

3. tiffissa jum, hin u lok ghall-pubblikazzjoni tal-istess att;

4. tahtar Nutar Pubbliku sabiex jippubblika u jirregistra l-att relattiv ta' immissjoni fil-pussess;

5. tahtar kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-intimata f'kaz ta' kontumacja taghha fuq l-att pubbliku relattiv ta' immissjoni fil-pussess;

B'riserva ghal kull azzjoni ohra spettanti lir-rikorrenti, b'riserva ghal kull talba ghad-danni spettanti lir-rikorrenti.

Bl-ispejjez kollha kontra l-intimata, illi tinsab minn issa ingunta ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi li tghid hekk:

Illi l-esponenti mhumiex edotti mill-fatti u ghalhekk qeghdin jirriservaw d-dritt li jipprezentaw risposta motivata f’kaz u jekk jigu edotti mill-fatti.

Salv risposta ulterjuri.

Rat l-atti u l-provi prodotti;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Din hi azzjoni maghmula minn zewg legatarji biex jigu immessi fil-pussess tal-legat imholli lilhom cioe l-fond 36 (illum 16) St. Mary Street, BKara u dan skont zewg testmenti datati 25 ta’ Ottubru 1999 u 24 ta’ April 2012 tal-genituri taghhom Carmelo u Dolores Saydon.

Il-Qorti tqis illi t-testmenti huma testmenti validi. Ghalkemm Carmelo Saydon irrevoka t-testment li kien ghamel ma’ martu tal-1999, il-legat baqa’ li kien fiz-zewg testmenti.

Il-Qorti tinnota li ma saret ma oppozizzjoni valida ghal legat imholli u in oltre ma hemm ebda prova li xi hadd mill-konvenuti irrinunzja ghal wirt. Ta' min josserva illi l-Qorti tqis li teknikament l-atturi kellhom idahhlu fil-kawza lil eredi kollha billi l-gurisprudenza trid li meta jkun hemm l-eredi, l-immissjoni trid issir min kull eredi (ara **Lawrence Zammit Haber vs Elizabeth Everett**, PA 27/09/2013). Iz-zewg ahwa l-ohra cioe Catherine Saydon u Joan Busuttil mhux partijiet fil-kawza, ghalkemm ghar-rigward ta' Catherine Saydon, il-missier Carmelo Saydon nehhiha minn eredi fit-testment tal-24 ta' April 2012, pero baqghet eredi fil-wirt tal-omm tal-25 ta' Ottubru 1999 meta l-konjugi Saydon ghamlu t-testment flimkien.

In oltre l-Qorti tqis illi l-kawza mhix wahda kapricjuza. Kif gie deciz fil-kawza **Giovanna Farrugia et vs Carmelo Farrugia**, PA 12/11/2013) il-legatarju hu kreditur tal-eredita u l-proprjeta libera tal-legat tappartjeni lil legatarju sa mill-gurnata tal-mewt tat-testatur, izda bhala kreditur l-oggett ma jkunx f'idejh qabel ma jinghata pussess tieghu mill-eredi.

Ghalkemm gie verbalizzat illi Mary Anne Elsdon, wahda mill-eredi kienet ser tikkontesta t-testment, ma saret ebda prova ta' dan. Ma' dan il-Qorti izzid li mkien fil-ligi ma jinghad li immissjoni fil-pussess ma ghandhiex issir sakemm jigu solvuta l-pendenzi jew dizgwid bejn l-eredi u/jew il-legatarji. Anzi l-ligi hi cara li l-immissjoni ta' legat ghandha issir mill-ewwel qua dirett tal-legatarju.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti tqis li l-atturi ghandhom il-jedd li jigu immessi fil-pussess tal-legat imholli lilhom, b'dan illi l-Qorti ser timponi li fil-kuntratt ta' immissjoni fil-pussess jidhru l-eredi kollha.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet kollha attrici u ghal fini tat-tieni sal-hames talbiet, tordna li l-kuntratt tal-immissjoni fil-pussess li oltre l-konvenuta ghandhom jiffirmawh l-eredi kollha tal-genituri konjugi Carmelo u Dolores Saydon isir entro tlett xhur millum u ghal dan il-ghan qed jigi mahtur in-Nutar Timothy Ellis biex

jippublika l-atti relattiv u tinnomina lil Dr Jonathon Thompson biex jirraprezenta lil kontumaci fuq l-att ta’ immissjoni. Spejjez kollha ghall-konvenuta Mary Anne Elsdon.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur